DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 98/2008

tas-26 ta' Settembru 2008

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 62/2008 tas-6 ta' Ġunju 2008 [1].

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 109/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1924/2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel [2] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/17/KE tad-19 ta' Frar 2008 li temenda ċerti Annessi għad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE fir-rigward tal-livelli massimi tar-residwi għall-acephate, acetamiprid, acibenzolar-S-methyl, aldrin, benalaxyl, benomyl, carbendazim, chlormequat, chlorothalonil, chlorpyrifos, clofentezine, cyfluthrin, cypermethrin, cyromazine, dieldrin, dimethoate, dithiocarbamates, esfenvalerate, famoxadone, fenhexamid, fenitrothion, fenvalerate, glyphosate, indoxacarb, lambda-cyhalothrin, mepanipyrim, metalaxyl-M, methidathion, methoxyfenozide, pymetrozine, pyraclostrobin pyrimethanil, spiroxamine, thiacloprid, thiophanate-methyl u trifloxystrobin [3] għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(4) Din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XII tal-Anness II għall-Ftehim se jiġi emedat kif ġej:

(1) L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud ma' punti 38 (Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE), 39 (Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE) u 54 (Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE):

"— **32008 L 0017**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/17/KE tad-19 ta' Frar 2008 (ĠU L 50, 23.2.2008, p. 17)."

(2) Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 54zzzt (Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

", kif emendat b'li ġej:

— **32008 R 0109**: Ir-Regolament (KE) Nru 109/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 (ĠU L 39, 13.2.2008. p. 14)."

[1] ĠU L 257, 25.9.2008, p. 23.
[2] ĠU L 39, 13.2.2008, p. 14.
[3] ĠU L 50, 23.2.2008, p. 17.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 109/2008 u d-Direttiva 2008/17/KE fil-lingwa Iżlandiża u Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-27 ta' Settembru 2008, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 26 ta' Settembru 2008.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

L-A.S.T. Prinz Nikolaus von LIECHTENSTEIN

(*) Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.